TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 219/13/F

**Mary Borg**

**vs**

**Japanese Auto Parts**

Illum 25 ta' Frar, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-1 ta' Ottubru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tlieta u sebgħin ewro (€73), rapprezentanti mera għall-karozza tagħha.

Is-soċjeta' intimata pprezentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rapprezentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat mera għall-karozza tagħha u meta ġiet biex twaħħal l-ewwel waħda għand it-tellar inkissret. Ir-rikorrenti marret lura għand is-soċjeta' ntimata fejn dan bidilielha u uriha li kienet tajba u minkejja dan it-tieni mera reġgħet inkissret.

L-intimat issottometta bil-miktub illi t-tieni mera żgur li kienet tajba għax qagħad idawwarha quddiemha biex juriha li kienet tajba, u għalhekk il-mera ħarġet tajba mingħand is-soċjeta' ntimata.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li huwa minnu li l-intimat bidililelha l-ewwel darba mingħajr spejjeż, u t-tieni darba assigura lir-rikorrenti li l-mera kienet tajba, u li għalhekk it-Tribunal qed jemmen il-verżjoni tas-soċjeta' ntimata.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888